

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 — Arch Chemicals et vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-75/04 u T-77/04 sa T-79/04) ⁽¹⁾

(“*Rikors għal annullament — Spezzjonijiet sanitarji — Tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidiċi — Regolament (KE) Nru 2032/2003 — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà*”)

(2011/C 319/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Arch Chemicals, Inc. (Norwalk, Connecticut, l-Istati Uniti) u Arch Timber Protection Ltd (Castleford, West Yorkshire, ir-Renju Unit) (Kawża T-75/04); Rhodia UK Ltd, li kienet Rhodia Consumer Specialties Ltd (Watford, Hertfordshire, ir-Renju Unit) (Kawża T-77/04); Sumitomo Chemical (UK) plc (Londra, ir-Renju Unit) (Kawża T-78/04); kif ukoll Troy Chemical Co. BV (Vlaardingen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (Kawża T-79/04); (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment X. Lewis u F. Simonetti, sussegwentement P. Oliver u G. Wilms, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: European Chemical Industry Council (CEFIC) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment M. Bronckers, Y. van Gerven u P. Charro, sussegwentement Y. van Gerven, avukati)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment A. Neergaard u M. Moore, sussegwentement A. Neergaard u J. Rodrigues, aġenti); Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Hoff-Nielsen, M. Sims u F. Ruggeri Laderchi, sussegwentement M. Sims u F. Florindo Gijón, u fl-aħħar F. Florindo Gijón u R. Liudvinavičiute-Cordeiro, aġenti); u Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment S. Terstal, sussegwentement H. Sevenster, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 4(2), tal-Artikolu 5(3), tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2), tal-Artikolu 11(3), tal-Artikolu 13, tal-Artikolu 14(2) u tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid ta' prodotti bijoċidiċi fis-suq, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1896/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 41, p. 92)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- (2) Arch Chemicals, Inc., Arch Timber Protection Ltd, Rhodia UK Ltd, Sumitomo Chemical (UK) plc u Troy Chemical Co. BV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi, fir-rigward ta' Sumitomo Chemical (UK) plc, dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(3) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-European Chemical Industry Council (CEFIC) għandhom ibgħatu l-ispejjeż tagħhom stess.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 30.04.2004.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 — Arch Chemicals et vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-400/04, T-402/04 sa T-404/04) ⁽¹⁾

(“*Spezzjonijiet sanitarji — Tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidiċi — Identifikazzjoni tas-sustanzi attivi fis-suq — Deċiżjoni li tirrifjuta li jiġu emendati ċerti dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Obbligu li tittieħed azzjoni — Rikors għal annullament — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà*”)

(2011/C 319/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Arch Chemicals, Inc. (Norwalk, Connecticut, l-Istati Uniti); Arch Timber Protection Ltd (Castleford, West Yorkshire, ir-Renju Unit) (Kawża T-400/04); Rhodia UK Ltd, li kienet Rhodia Consumer Specialties Ltd (Watford, Hertfordshire, ir-Renju Unit) (Kawża T-402/04); Sumitomo Chemical (UK) plc (Londra, ir-Renju Unit) (Kawża T-403/04); u Troy Chemical Co. BV (Vlaardingen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (Kawża T-404/04); (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment X. Lewis u D. Recchia, sussegwentement P. Oliver u G. Wilms, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, prinċipalment, talba intiża sabiex jiġi kkonstatat n-nuqqas li tittieħed azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn din tal-aħħar illegalment naqset milli temenda ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000, tas-7 ta' Settembru 2000, fuq l-ewwel fażi tal-programm rigward prodotti bijoċidali msemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 30, p. 266), u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid ta' prodotti bijoċidiċi fis-suq, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1896/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 41, p. 92), sussidjarjament, talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2004, li tirrifjuta li tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, prinċipalment, talba għall-kumpens tad-danni li allegatament ġarrbu r-rikorrenti minħabba n-nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni u, sussidjarjament, talba għall-kumpens tad-danni kkawżati mill-ittra tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2004.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*
- (2) Arch Chemicals, Inc., Arch Timber Protection Ltd, Rhodia UK Ltd, Sumitomo Chemical (UK) plc u Troy Chemical Co. BV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 19, 22.01.2005.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2011 — Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-34/08) (¹)

(“Għajjnuna finanzjarja mogħtija fil-kuntest tal-programm Daphné II — Determinazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas lill-benefiċjarju — Żball ta' evalwazzjoni”)

(2011/C 319/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment B. Henning, sussegwentement U. Claus, u fl-aħħar nett S. Reichmann u L.-J. Schmidt, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Grünheid u B. Simon, sussegwentement S. Grünheid u F. Dintilhac, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Novembru 2007, dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent parzjali tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent fil-kuntest tal-ftehim ta' għoti Daphne JAI/DAP/2004-2/052/W.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Novembru 2007, dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent parzjali tal-ispejjeż sostnuti mill-Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung eV fil-kuntest tal-ftehim ta' għoti Daphne JAI/DAP/2004-2/052/W hija annullata sa fejn tikkonċerna l-ispejjeż marbuta mal-pożizzjonijiet A 6, A 39, A 40, A 41, A 43 u E 41.*
- (2) *Il-Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung eV għandu jbati żewġ terzi tal-ispejjeż tiegħu u żewġ terzi tal-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tbatu terz tal-ispejjeż tagħha u terz tal-ispejjeż sostnuti mill-Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung.*

(¹) ĠU C 79, 29.03.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 — Arch Chemicals Inc. et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-120/08) (¹)

(“Rikors għal annullament — Spezzjonijiet sanitarji — Tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali — Regolament (KE) Nru 1451/2007 — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà — Proċedura fil-kontumazja”)

(2011/C 319/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Arch Chemicals, Inc. (Norwalk, Connecticut, l-Istati Uniti); Arch Timber Protection Ltd (Castleford, West Yorkshire, ir-Renju Unit); Rhodia UK Ltd (Watford, Hertfordshire, ir-Renju Unit), Sumitomo Chemical (UK) plc (Londra, ir-Renju Unit) u Troy Chemical Company BV (Vlaardingen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u E. Kružíková, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: European Chemical Industry Council (CEFIC) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment Y. van Gerven u V. Terrien, sussegwentement Y. van Gerven, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 3(2), tal-Artikolu 4, tal-Artikolu 7(3), tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2), tal-Artikolu 15(3), tal-Artikolu 17 u tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007, tal-4 ta' Diċembru 2007, dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, p. 3).

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*
- (3) *Arch Chemicals Inc., Arch Timber Protection Ltd, Rhodia UK Ltd, Sumitomo Chemical (UK) plc u Troy Chemical BV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*
- (4) *Il-European Chemical Industry Council (CEFIC) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(¹) ĠU C 128, 24.05.2008.